**7 ta' April, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Sammy Mellaq, Louis Spiteri, Joseph Camilleri, Augustus Debono *sive* Debono Grech, Carmelo *sive* Lino Gatt, Alfred Micallef, Joseph Saliba, Carmel *sive* Lino Vassallo u Carmel *sive* Charles Cremona

## Libell minn Korp ta' Persuni – Responsabbilità Vikarja

*Meta xi reat taħt l-Att dwar l-Istampa jsir minn korp ta' persuni, kull min fil-ħin ta' l-għemil tar-reat ikun direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili ta' dak il-korp, jew ikun jidher li qiegħed jaġixxi f'xi kariga bħal dik, ikun ħati tar-reat u jeħel meta jinsab ħati l-piena relattiva, kemm-il darba ma jippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tiegħu u li jkun uża d-diliġenza kollha xierqa biex jevita l-għemil tar-reat.*

*F'dan il-każ ir-reat ġie kommess mit-Tarzna ta' Malta, u l-membri tal-Kunsill tat-Tarzna ġew misjuba ħatja ta' dak ir-reat.*

Il-Qorti: –

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputati Samuel *sive* Sammy Meilaq, Lewis Spiteri, Joseph Camilleri, Augustus Debono *sive* Gaston Debono Grech, Carmel *sive* Lino Gatt, Alfred Micallef, Joseph Saliba, Carmel *sive* Lino Vassallo, Carmel *sive* Charles Cremona talli f'dawn il-Gżejjer permezz tal-kartellun *(poster)* li jġib il-kliem, "Michael Falzon Ministru imbroljun jagħti l-offerti ogħla b'miljun" u li ġie imwaħħal f'post aċċessibbli għall-pubbliku li huwa proprjetà tat-Tarzna ta' Malta, li tagħha huma uffiċjalment responsabbli, taw malafama lill-Onorevoli Ministru għall-Iżvilupp u Infratruttura l-Perit Michael Falzon B.Arch. A & CE M.P., billi attribwewlu fattijiet determinati bi skop li joffendulu l-unur u l-fama tiegħu jew li jesponuh għar-redikolu jew disprezz tal-pubbliku bi ksur ta' l-artikolu 11 ta' l-Att ta' l-1974 dwar l-istampa;

Rat is-sentenza ta' l-20 ta' Ġunju, 1991 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ddeċidiet billi ma sabitx li l-akkuża kienet ġiet ippruvata, u lliberat lill-imputati, wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet;

"Illi l-imputati eċċipew illi mhux ħatja u waħda mid-difiżi li semmew in sostenn ta' dan hi li a tenur ta' l-artikolu 23 tal-liġi ta' l-Istampa li tinsab Kap. 248 l-azzjoni kriminali għal xi reat taħt it-Taqsima li tista' tittieħed kontra kull waħda mill-persuni segwenti:

(a) l-awtur tal-kitba fil-każi msemmija
(b) l-istampatur
(ċ) l-editur

(d) persuna li tagħmel jew li tkun responsabbli għax-xandir jew responsabbli għall-mezz tax-Xandir li bih tkun sar ix-xandir;

Issa ma rriżultax minn imkien li xi wieħed mill-imputati kien l-awtur tal-kitba, stampatur, editur, jew persuna responsabbli għax-Xandir; dan xehduh l-imputati stess u b'ebda mod ma ġie kontradett mill-Prosekuzzjoni;

Jekk teżisti xi ħtija, u dwar dan ċertament mhux sejra tikkummenta din il-Qorti, kif presjeduta, din mhux taħt il-liġi ta' l-istampa, u għalhekk il-Qorti ma tistax issib lill-imputati ħatja. Huma għażlu li jixhdu dwar dan u kollha ċaħdu";

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-Avukat Ġenerali talab li din il-Qorti tħassar dik is-sentenza, u ssib lill-imputati ħatja skond l-akkuża u tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

Rat l-atti l-oħrajn u ttrattat l-appell, ikkunsidrat illi:

1. Irriżulta li għall-ħabta ta' Settembru, 1990 mal-bini tat-Tarzna ta' Malta fi Pjazza Gavino Gulia Bormla, kien hemm imwaħħal kartellun bil-kliem kif ċitat fl-imputazzjoni;

2. L-aggravju ta' l-appellant huwa li, kuntrarjament għal kif irriteniet l-ewwel Qorti fis-sens li l-imputati mhumiex ħatjin tar-reat dedott billi ebda wieħed minnhom ma jinkwadra ruħu fost il-persuni elenkati fl-artikolu 23 tal-Kapitolu 248 tal-Liġijiet, l-imputati huma fil-fatt ħatjin għaliex kienu responsabbli mit-tmexxija ta' l-affarijiet tat-Tarzna;

3. Huwa ħati tar-reat kontemplat fl-artikolu 11 ta' l-Att ta' l-1974 dwar l-Istampa, Kapitolu 248 "kull min b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, jagħti malafama lil xi peresuna". Wieħed mill-mezzi msemmijin f'dan l-artikolu 3 huwa l-"pubblikazzjoni.....f'Malta ta' stampat....." L-artikolu 2 ta' l-istess Att jiddefinixxi "stampat" anki bħala "kull kartellun jew avviż ieħor li jitwaħħal li jkun fih xi sinjal jew kitba". L-istess artikolu 2 jgħid li " 'publikazzjoni' tfisser kull att li bih kull stampat jiġi.....ikkomunikat jew imgħarraf lil xi persuna.....";

4. Mill-premess ma jistax ikun hemm dubju li l-kartellun in kwistjoni kjarament kien jagħti malafama lill-Onorevoli Michael Falzon, u kien jikkostitwixxi r-reat kontemplat fl-artikolu 11 ċitat tal-Kapitolu 248;

5. Skond dan l-artikolu 11 Kap. 248, ir-reat in kwistjoni jista' jiġi kommess minn **"kull min"** jagħti malafama. M'humiex soġġetti għal dan ir-reat dawk il-persuni biss elenkati fl-artikolu 23 tal-Kapitolu 248. Dan l-artikolu jiddisponi li l-azzjoni kriminali relattiva "tista' tittieħed kontra kull waħda minn dawn il-persuni....." Ma jgħidx dan l-artikolu li l-azzjoni tista' tittieħed kontra dawk il-persuni **biss**;

6. Ir-reat dedott fiċ-ċitazzjoni ġie kommess ovvjament mit-

Tarzna ta' Malta. Il-kartellun imsemmi kien imwaħħal fil-proprjetà tagħha, espost fi pjazza pubblika'';

7. L-artikolu 51 tal-Kapitolu 248 jiddisponi li meta xi reat taħt l-Att dwar l-Istampa jsir minn korp ta' persuni, kull min fil-ħin ta' l-għemil tar-reat ikun direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal ieħor simili ta' dak il-korp, jew ikun jidher li qiegħed jaġixxi f'xi kariga bħal dik, ikun ħati tar-reat u jeħel meta jinsab ħati l-piena relattiva kemm-il darba ma jippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tiegħu li jkun uża d-diliġenza kollha xierqa biex jevita l-għemil tar-reat;

8. Irriżulta li fid-data tal-kommissjoni tar-reat in kwistjoni id-disa' imputati kienu jikkomponu l-Kunsill tat-Tarzna. Bl-artikolu 5(1) ta' l-Att dwar it-Tarzna ta' Malta, Kapitolu 207 tal-Liġijiet, dan il-Kunsill huwa inkarigat mit-tmexxija ta' l-affarijiet u x-xogħol tat-Tarzna. L-imputati kollha għalhekk, bħala membri tal-Kunsill, kellhom fid-data tal-kommissjoni tar-reat, kariga li tinkwadra ruħha f'dawk indikati fl-artikolu 51 Kap. 248, ċitat fil-paragrafu 7 hawn fuq. Biex jiskolpaw irwieħhom mill-akkuża huma kellhom iġibu l-prova msemmija f'dan l-artikolu;

9. L-imputati kollha ppruvaw suffiċjentement li r-reat ġie kommess bla ma kienu jafu huma. Però ebda wieħed minnhom ma pprova li kien uża d-diliġenza kollha xierqa, kif meħtieġ bil-liġi, biex jevita l-kommissjoni tar-reat. Xi wħud mill-imputati wrew li minħabba l-okkupazzjoni jew il-kariga partikolari tagħhom fix-xogħol tat-Tarzna, ma kienx possibbli għalihom li jindunaw bil-kartellun. Però ħadd minnhom ma wera li kien ħa xi miżuri biex reati simili ma jsirux;

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, issib lill-imputati kollha ħatjin ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tagħhom, u wara li rat l-artikolu 11 tal-Kapitolu 248 tal-Liġijiet, tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati mitt lira Maltija (Lm100) multa.